# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum it-13 t'Ottubru, 2016.**

**Rikors Numru 531/2016 SM**

**Giuseppe *sive* Joseph Gulia detentur tal-karta tal-identita` numerata 374343M, detentrici tal-karta tal-identita` numerata 552233M, Carmen Ayers detentrici tal-karta tal-identita` numerata 333145M, Felicita *sive* Phyllis Cassar Naudi detentrici tal-karta tal-identita` numerata 703134 M, Giorgina Grima detentrici tal-karta tal-identita` numerata 320638M, Doris Attard detentrici tal-karta tal-identita` numerata 808635M u Wilhelmina Sammut detentrici tal-karta tal-identita` numerata 802036M**

**vs.**

**Dr. Simon Micallef Stafrace LL.D. u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo b'digriet tad-9 t'Awwissu, 2016, gew nominati bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Christopher James Gulia u Nicholas Gulia ulied id-defunt Felix Gulia u werrieta tieghu**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat l-1 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu r-rikorrenti sintetikament esponew s-segwenti:

1.1. Illi huma, flimkien ma' Felix Gulia, defunt, huma proprjetarji tal-fond bin-numri 11 u 12, Triq San Guzepp, Bormla, f'ishma indaqs u indivizi bejniethom;

1.2. Illi l-imsemmi Felix Gulia miet fit-31 ta' Mejju, 2003, u allura s-sehem tieghu iddevolva *ex lege* favur uliedu Christopher James u Nicholas, it-tnejn assent minn Malta;

1.3. Illi l-istess Christopher James u Nicholas ahwa Gulia huma irreperibbli u ghalhekk ma setghax isir ftehim maghhom dwar il-bejgh tal-proprjeta` fuq indikata;

1.4. Illi l-proprjeta` in dizamina hi provenjenti mill-wirt tal-genituri tar-rikorrenti u tal-imsemmi defunt Felix Gulia, (ara foll 1);

1.5. Illi l-kontendenti ilhom fi stat ta' komunjoni ghal aktar minn tliet snin;

1.6. Illi hadd mill-partijiet ma beda azzjni f'xi qorti jew tribunal ghal qsim tal-proprjeta` in dizamina;

1.7. Illi ghalxejn jbieghu l-fondi fuq indikati lill-persuna indikata fir-rikors guramentat promotur u ghall-prezz hemm ukoll indikat, (ara foll 2), u irredigew konvenju fir-rigward datat iz-19 ta' Novembru, 2015, (ara foll 8 u ......);

1.8. Illi r-rikorrenti kienu ilhom jippruvaw ibieghu l-istess proprjeta` u kien issa biss li irnexxielhom jikkonkludu l-konvenju *de quo* fir-rigward;

1.9. Illi bil-bejgh in dizamina hadd mill-intimati mhu ser jigi pregudikat *stante* li l-kundizzjonijiet tal-konvenju huma vantagguzi;

1.10. Illi ghalhekk aderew din il-qorti biex din:

1.10.1. Tapprova u tawtorizza l-bejgh in dizamina *ai termini* tal-artiklu 495A tal-Kodici Civili bil-prezz u l-kundizzjonijiet indikati fil-konvenju fuq indikat u favur il-persuna hemm ukoll indikata;

1.10.2. Tahtar lin-Nutar Dottor Alicia Agius biex tippubblika l-att finali ta' kompra-vendita, u tiffissa hin, jum u post, meta dan ghandu jsir;

1.10.3. Tahtar lil wiehed mir-rikorrenti, jew persuna ohra, bhala kuratur biex jidher fl-att finali ta' kompra-vendita ghall-eventwali kontumaci, senjatament f'isem l-intimati jekk jonqsu li jidhru ghall-att finali in dizamina;

1.10.4. Taghti kull ordni u direttiva ohra inkluz kif ghandu jinqasam ir-rikavat;

1.10.5. Bl-ispejjez kontra l-intimati;

2. Rat id-digriet taghha datat l-4 ta' Lulju, 2016, li permezz tieghu appuntat l-istess rikors guramentat promotur ghas-smigh ghall-udjenza hemm indikata;

3.0. Rat ir-risposta tal-abbli Kuraturi Deputati datata d-29 ta' Settembru, 2016, li permezz taghha sintetikament irrispondew bil-mod segwenti:

3.1. Illi mhumiex edotti mill-fatti;

3.2. Illi jirriservaw id-dritt li jipprezentaw risposta wara li jigu edotti mill-fatti;

3.3. Salv rispost ulterjuri;

4. Semghet lix-xhud prodott;

5. Ezaminat id-dokumenti esebiti;

6. Semghet it-trattazzjoni finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

7.0. Illi l-fatti esposti jistghu jigu sintetikament elenkati bil-mod segwenti:

7.1. Illi r-rikorrenti flimkien ma huhom defunt Felic Gulia huma komproprjetarji tal-fond numru 11 u 12, Triq San Guzepp, Bormla;

7.2. Illi l-istess rikorrenti sabu l-bejgh tal-istess u kkonkludew konvenju fir-rigward, (ara foll 5 u 8);

7.3. Illi *stante* li Felix Gulia ghadda ghall-hajja ahjar, uliedu Christopher James u Nicholas ahwa Gulia wirtu lill-istess u allura jidhlu minfloku mar-rikorrenti l-ohra;

7.4. Illi l-istess ulied il-mejjet Felix Gulia fuq indikati jinsabu irreperibbli;

7.5. Illi bil-kundizzjonijiet elenkati fil-konvenju *de quo* l-istess intimati jirrizultaw protetti fid-drittijiet taghhom fir-rigward;

7.6. Illi l-istess kompra-vendita tissodisfa l-artiklu 495A tal-Kodici Civili u hi wkoll fl-interess tal-partijiet kollha involuti, inkluzi tal-intimati;

Ikkunsidrat:

8.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li r-rikorrenti pprovaw il-kaz taghhom skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

8.1. Tawtorizza l-bejgh tal-fond numru 11 u 12, Triq San Guzepp, Bormla, *ai termini* tal-artiklu 495A tal-Kodici Civili bil-prezz u kundizzjonijiet kif indikati fil-konvenju datat iz-19 ta' Novembru, 2015, u favur il-persuna hemm indikata;

8.2. Tahtar lin-Nutar Dottor Alicia Agius biex tippubblika l-att ta' kompra-vendita finali, f'hin, jum u post minnha

determinat izda mhux aktar tard minn tliet (3) xhur mid-data tal-iskadenza tal-konvenju in dizamina kif minnha determinat;

8.3. Tahtar ukoll Dr. Simon Micallef Stafrace u l-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo biex bhala kuraturi deputati jhallsu wkoll fl-att finali ta’ kompra-vendita ghall-eventwali kontumaci fl-att finali *de quo*;

8.4. Bl-ispejjez kontra l-intimati.

_______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**